



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8105/20

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0257 (NLE)

AVIATION 78
RELEX 342
USA 19

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmit mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-ađeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL(UE) 2020/...

ta'

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru
bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll
li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka
u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007,
iffirmat mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea
u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni
tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹ (minn hawn 'il quddiem “il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru”) ġie ffirmat fil-25 u fit-30 ta’ April 2007 u ġie emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta’ April 2007² (minn hawn 'il quddiem “il-Protokoll tal-2010”). Il-Protokoll tal-2010 ġie iffirmat mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta’ Ġunju 2010.
- (2) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja³, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru jrid jiġi maqbul permezz ta' Protokoll għal dak il-Ftehim, konkluż bejn il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fisem l-Istati Membri, u l-Istati Uniti tal-Amerika.
- (3) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika bil-għan li tikkonkludi Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru kif emendat bil-Protokoll tal-2010 sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem “il-Protokoll”)

¹ ĠU L 134, 25.5.2007, p. 4.

² ĠU L 223, 25.8.2010, p. 3.

³ ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21.

- (4) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll ġie inizjalat fit-8 ta' Marzu 2019.
- (5) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat u jenħtieġ li japplika provviżorjament f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmit mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll"), huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.¹

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa sabiex jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

¹ It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fi ... [daħħal ir-referenza tal-ĠU].

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu japplika provviżorjament f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu, sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
